# Il-Bastun tal-istatwa ta' San Ġużepp Inkunurat fil-Parroċċa tal-Imsida

Kummissjoni Festa Esterna
San Ġużepp – Rabat Mdina
1844 – 2019

**Kitba ta' Anthony Casha**

Is-sena li għaddiet fl-okkażjoni tal-125 Sena mill-wasla tal-istatwa titulari ta' San Ġużepp fil-knisja parrokkjali ddedikata lill-istess Qaddis fl-Imsida. Fuq talba tal-Kappillan u l-Kleru Parrokkjali tal-istess parroċċa, il-Bastun oriġinali tal-istatwa antika u devota ta' San Ġużepp Inkurunat bejn it-30 ta' Novembru u l-14 ta' Diċembru 2018, ġie meħud fil-parroċċa msemmija bħala għeluq taċ-ċelebrazzjonjiet speċjali li saru biex jitfakkar dan l-anniversarju. Dan il-Bastun matul dawn il-jiem ġie espost għall-qima tal-poplu fuq il-presbiterju tal-artal maġġur tal-istess knisja parrokkjali.



*L-istatwa titulari ta' San Ġużepp meqjuma fil-knisja parrokkjali dedikata lill-istess Qaddis fl-Imsida.*

Kien għalhekk li nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru, il-Bastun ta' San Ġużepp ġie mniżżel fil-knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp fl-Imsida, fejn fis-6.00 p.m. saret Quddiesa li fl-introduzzjoni tagħha ġie trasportat il-Bastun mir-Rev. Gwardjan Patri Martin Coleiro O.F.M., Direttur Spiritwali tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fejn wara ġie mqiegħed fuq il-presbiterju tal-artal maġġur u tkompliet iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa li ġiet immexxija mill-istess Patri Gwardjan li għamel ukoll omelija dwar id-devozzjoni lejn dan il-Bastun. Għal din il-Quddiesa kien hemm preżenti wkoll ir-Rettur tal-imsemmija Arċikonfraternità, is-Sur Anthony Casha. Fit-tmiem il-Quddiesa l-kongregazzjoni miġbura preżenti telgħu fuq l-artal maġġur biex ibusu dan il-Bastun.



*Il-Bastun tal-istatwa ta' San Ġużepp Inkunurat espost fuq il-presbiterju tal-artal maġġur fil-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp tal-Imsida.*

L-għada s-Sibt, l-1 ta' Diċembru fil-5.30 p.m., fl-istess knisja parrokkjali saret taħdita dwar dan il-Bastun, mill-istess Rettur tal-Arċikonfraternità, is-Sur Anthony Casha.

Matul il-jiem ta' wara dan il-Bastun ġie meħud f'diversi djar tal-anzjani li jinsabu fil-parroċċa tal-Imsida, fejn sar ukoll talb devozzjonali lejn San Ġużepp fil-preżenza ta' dan il-Bastun. Kif ukoll kien espost fl-istess knisja parrokkjali għall-Konċelebrazzjoni Solenni, li saret nhar it-13 ta' Diċembru 2018 bħala għeluq tal-festi msemija.



***Il-Bastun ta' San Ġużepp jidher preżenti waqt il-Konċelebrazjoini Solenni li ġiet immexxija mill-Prepostu u Arċipriet tal-Bażilka ta' Sant Elena ta' Birkirkara, Rev. Mons. Paul C.Vella; li saret nhar it-13 ta' Diċembru 2018 fil-knisja parrokkjali tal-Imsida, bħala għeluq taċ-ċelebrazzjonjiet li saru biex ifakkru l-125 sena mill-wasla tal-istatwa titulari fl-Imsida.***

## Il-Bastun ta' San Ġużepp

*Din hija parti mit-taħdita li saret mis-Sur Anthony Casha, Rettur tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat tal-Imdina, li saret nhar is-Sibt l-1 ta' Diċembru 2018, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp fl-Imsida, fl-okkażjoni tal-preżenza tal-Bastun tal-istatwa antika u devota ta' San Ġużepp Inkurunat fl-istess knisja parrokkjali:*

Fost il-ħafna devozzjonijiet li nsibu fost il-poplu Malti teżisti dik id-devozzjoni partikolari lejn il-bastun tal-istatwa antika, devota u mirakoluża ta' San Ġużepp Inkurunat. Statwa li meta kien jitla' sal-Imdina, il-Beatu Nazju Falzon li flimkien ma' ħuh Mons. Dun Franġisk Falzon li kienu benfatturi kbar biex inbniet din il-Knisja Parrokkjali hawn fl-Imsida, il-Beatu Nazju Falzon kien imur sal-Oratorju tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fir-Rabat u jitlob quddiem din ix-xbieha ta' San Ġużepp, li l-bastun oriġinali ta' din l-istatwa qiegħed hawn preżenti fostna.

Dan huwa bastun tal-injam li oriġinalment kien f'id din l-istatwa, sa minn żmien twil ilu kien u għadu jittieħed fid-djar ta' fejn ikun hemm nies morda li jitolbuh biex jittieħed id-dar tagħhom jew l-isptarijiet fejn ikunu, biex isir talb quddiemu bl-interċesssjoni ta' San Ġużepp għal fejqan. Mhux l-ewwel darba li ġie mitlub ukoll minn xi persuni biex jittieħed id-dar tagħhom għax ikunu għaddejjin minn xi problemi.

L-origini ta' din id-devozzjoni lejn dan il-bastun partikolari tmur lura hekk kif din l-istatwa bdiet tigi meqjuma aktar b'mod pubbliku sa mis-seklu 18, (għalkemm fi ħdan l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp kienet ilha tiġi meqjuma sa mis-seklu 17) fejn naraw li matul dan is-seklu 18 bdew isiru pellegrinaġġi bl-istess statwa fuq skala nazzjonali meta pajjiżna kien ikun għaddej minn xi problemi bħalma hu nuqqas ta' xita, mard bħalma hija l-pesta jew mill-ħarsien tat-terremoti.

Iżda b'mod ġenerali din id-devozzjoni lejn il-bastun ta' San Ġużepp, ma teżitix biss hawn Malta, devozzjoni simili lejn il-bastun ta' San Ġużepp kienet teżisti wkoll fl-Italja fil-belt ta' Firenze. Fil-knisja ta' Santa Marija degli Angeli nsibu r-relikwa tal-Bastun ta' San Ġużepp, li skont it-tradizzjoni dan kien il-bastun li fit-tarf tiegħu warrad il-fjuri fit-tempju ta' Ġerusalemm fil-ħin li ġie magħżul l-għarus ta' Marija. Dan il-bastun kien ġie meħud ġo Firenze mill-Kardinal Bessarione fiż-żmien il-Konċilju Ekumeniku li kien sar ġo Firenze fl-1439, u kien ġie mogħti lil Ġeneral tal-Ordni Benedittin Camaldolese, Ambrogio Traversari fejn ġie konservat fil-monasteru ta' dawn il-patrijiet



RELAZIONE
Dell'origine, e di dove fù portato a
FIRENZE IL PRODIGIOSO BASTONE
Del Santo Patriarca
GIUSEPPE
Sposo diletto della Gloriosa Vergine MARIA, e Protettore dignissimo di questa nobile, ed antica Città, che si conserva nella Chiesa di S. Maria degli Angeli de' Monaci Camaldolesi; e de' prodigj più riguardevoli, che Iddio ha fatto a gli abitatori della medesima al solo tatto di sì insigne Reliquia.
Composta dal Signor
ANDREA FAVILLI CITTADINO FIORENTINO.
IN LUCCA 1721.
Per Domenico Ciuffetti.
Con Licenza de' Superiori.

***Pubblikazjoni dwar il-Bastun ta' San Ġużepp li jinsab fil-Knisja "Santa Maria degli Angeli" ġo Firenze, l-Italja, miktuba minn Andrea Favilli, Fiorentin u pubblikata fl-1721 fl-Lucca, fl-Italja stess.***

Benedittini sa żmien is-soppressjoni ta' Napuljun. Dan il-bastun ġo Firenze kien meqjum ħafna u kien magħruf għall-grazzji li jaqla' bl-interċessjoni ta' San Ġużepp, fejn kien jaqla' grazzji ta' fejqan b'mod mirakuluż lil ħafna morda meta dan il-bastun kien jiġi muri lilhom kif ukoll lil dawk l-ommijiet li kienu waslu biex iwweldu lit-tfal tagħhom biex ikollhom ħlas feliċi, dan nafuh skont il-kronaka ta' dak iż-żmien.

Fl-ikonografija klassika huwa komuni ħafna nosservaw il-persuna ta' San Ġużepp anzjan u armel li qed iżomm f'idejh bastun li fit-tarf tiegħu naraw fih il-ward. Din l-idea ta' dan il-bastun ta' San Ġużepp, li fit-tarf tiegħu naraw il-ward hija ġejja minn leġġenda tal-hekk imsejħa l-Evanġelji Appokrafi, fejn fil-protovanġelju ta' Ġakbu fost l-oħrajn insibu rakkuntat li meta Marija għalqet 12-il sena, is-saċerdoti tat-tempju, iddeċidew li jagħmlu speċi ta' konkors biex jistabilixxu lil min se jafdawha. Għal dan il-għan, laqqgħu dawk l-anzjani dixxendenti ta' Ġuda li kienu romol, fejn talbuhom biex iqiegħdu ħdejn l-artal il-bsaten bl-ismijiet tagħhom, fejn minn dawn ġie magħżul Ġużeppi, għaliex mill-bastun tiegħu ħareġ il-ward. Hemm verżjoni oħra li tgħid ukoll li mill-bastun tiegħu ħarġet ukoll ħamiema bajda. Dan il-fatt tal-bastun li minnu ħarġet il-ħamiema, insibuh antikament impitter



***Michelino Molinari da Besozzo (1370-1456):***
**"Iż-Żwieġ tal-Madonna ma' San Ġużepp"**
***Metropolitan Museum of Art, New York – Amerika***

mill-pittur Michelino Molinari da Besozzo (1370-1456), minjatur statali Gotiku Internazionali, li kien attiv fil-Lombardia fl-Italja, bejn l-1388 u l-1455, fil-kwadru li huwa pitter bis-suġġett taż-żwieġ tal-Madonna ma' San Ġużepp. Fejn San Ġużepp waqt il-mument li qiegħed b'idejh il-leminija jdaħħal iċ-ċurkett taż-żwieġ fis-seba' tal-Madonna qiegħed iżomm f'idejh ix-xellugija l-bastun bil-fjuri fejn fuq dan il-bastun tidher il-ħamiema bajda. Dan il-bastun proprju qiegħed fiċ-ċentru ta' din il-pittura, fejn naraw l-importanza li dan il-pittur medjevali ta lil dan il-bastun ta' San Ġużepp.

Forsi hawnhekk nistaqsu għaliex kien hemm il-ħtieġa ta' dawn il-leġġendi? Xi ħsieb kien hemm li jitlaħaq permezz tagħhom anke fit-tifsira tal-bastun ta' San Ġużepp?

Ir-risposta hija sempliċi; din kienet tkun il-mod ta' katekeżi addatta għal nies kulturalment fqira biex jiġi spjegat lil poplu t-tifsira tal-messaġġ reliġjuż u spiritwali fil-kuntest ta' dak iż-żmien.

Iżda l-bastun iffjurit ta' San Ġużepp huma mezz mhux biss ta' devozzjoni iżda huwa wkoll mezz ta' riflessjoni għalina. Fl-Antik Testment insibu li l-istess Alla ppermetta li joħroġ il-ward mill-bastun ta' Aronne, ħu Mosè, biex b'hekk għażlu li jkun il-kustodju tat-tabernaklu Tiegħu. Għaliex kif insibu miktub fl-istess Antik Testment, fil-Ktieb tan-Numri, minn dan il-bastun jew ħatar niexef ħareġ ir-rimi, fetaħ iż-żahar u għamel lewż misjur. Hekk fil-Ġdid Testment issa Alla jagħżel direttament lil Ġużeppi bħala "kustodju" ta' tabernaklu aktar prezzjuż Tiegħu li hu Ġesù Kristu, għalhekk f'dan is-sens ir-rakkont metaforiku tal-bastun kif ġie rakkuntat fl-Apokrafi jsib it-tifsira tiegħu.

Fl-ikonografija Kristjana dak li jġorr il-bastun huwa dejjem persuna ta' ċertu importanza u dan partikularment fil-każ tagħna jgħodd ħafna għal Qaddis maħbub tagħna San Ġużepp. Għaliex San Ġużepp huwa persuna Biblika ta' importanza singulari u kbira ħafna għal mod speċjali tal-missjoni li Alla mar jafdalu f'idejh biex ikun ir-rappreżentat tiegħu fuq din l-art b'mod partikulari fil-Misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla.

F'dan il-kuntest naraw kif dan il-bastun li naraw f'idejn San Ġużepp, għandu tifsira bħala sinjal ta' kmand u gwida divina li fit-tarf tiegħu jiffjorixxi l-ward (simbolu tal-imħabba) jew il-ġilju (simbolu tas-safa') u dan jagħmel ħafna sens fir-realtà storika tal-figura ta' San Ġużepp, mhux ta' kif iddesrivewh l-Evanġelji Apokrifi bħala bniedem xiħ iżda kif fil-fatt kien bħala bniedem żagħżugħ ġust Iżraelita mimli b'kull virtù li ħabb verament lil Marija.

Għalhekk permezz ta' dan il-bastun simbolu wkoll ta' Qawwa, Tama, Setgħa, Fidi, Tmexxija,



*Nino Musio: San Ġużepp bil-bastun iffjurit f'idejh*

Ħakma u Protezzjoni li huma kollha relatati ma' San Ġużepp, ikun il-mezz li bih inħossu lil San Ġużepp bħala persuna verament viċin għal kull wieħed u waħda minna, fejn permezz tiegħu nħossu s-setgħa tal-imħabba u l-protezzjoni tiegħu għalina biex imexxina f'ħajjitna ħalli nersqu aktar lejn Ġesù l-Iben ta' Alla, li hu flimkien ma' Marija rabba', mexxa u ħa ħsieb fuq din l-art.

Nawgura li kemm idum dan il-bastun f'din il-parroċċa Ġużeppina, iservi wkoll ta' mezz biex tkompli titkabbar fost il-Misidjani l-vera devozzjoni lejn dan il-kbir Glorjuż Patrijarka San Ġużepp, patrun tagħna u tal-Knisja Universali.


Hair Traffic

Mary Grace Hayman
Unisex Hairdressing
marygracehayman@hotmail.com

Phone: 21453028
Mobile: 98118283

56, St Paul's Street
Rabat, Malta

Like Confectionery
Triq Santa Rita, Rabat

*Opening Hours*
Mon - Sat : 6.00am - 8.00pm
Sunday
6.00am - 12.30pm





**Antoine iċ-Ċanan**
**tal-Każin PN, Rabat**
**jawgura l-Festa t-Tajba**
**lir-Rabtin kollha**

Għal drinks u
appetizers ġenwini
f'atmosfera familjari

**IKEL MALTI**

**Triq il-Kbira, Rabat**
**Mob: 7949 4917**